**Emenda 110**
**Danilo Oscar Lancini, Pietro Fiocchi, Massimiliano Salini, Matteo Adinolfi, Ilan De Basso, Anna Bonfrisco, Paolo Borchia, Massimo Casanova, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Gianna Gancia, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Valentino Grant, Elena Lizzi, Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Annalisa Tardino, Isabella Tovaglieri, Stefania Zambelli, Marco Zanni, Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Chiara Gemma, Giuseppe Milazzo, Denis Nesci, Nicola Procaccini, Vincenzo Sofo, Raffaele Stancanelli, Lara Comi, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Francesca Peppucci, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0271/2023**
**Maria Spyraki**
Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tiżdied l-infurzabbiltà tal-obbligu impost fuq il-fornituri li jaġġornaw it-tikketti tagħhom wara bidla fil-klassifikazzjoni u fit-tikkettar tas-sustanza jew tat-taħlita tagħhom, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza fir-rigward ta' dak l-obbligu. Obbligu simili mqiegħed fuq ir-reġistranti huwa stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1435[40]. Fejn il-klassi ta' periklu ġdida tkun addizzjonali għal klassi ta' periklu eżistenti jew tirrappreżenta klassi jew kategorija ta' periklu aktar gravi, jew fejn ikunu meħtieġa elementi ġodda ta' tikkettar supplimentari skont l-Artikolu 25, jenħtieġ li l-iskadenza għall-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar fil-każ ta' adattament tal-klassifikazzjoni f'konformità mar-riżultat ta' evalwazzjoni ġdida tiġi stabbilita għal ***6 xhur*** mill-jum li fih ikunu nkisbu r-riżultati ta' evalwazzjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew dik it-taħlita. F'każ fejn klassifikazzjoni tiġi aġġornata għal klassi jew kategorija ta' periklu inqas gravi mingħajr ma tiskatta klassifikazzjoni fi | (10) Sabiex tiżdied l-infurzabbiltà tal-obbligu impost fuq il-fornituri li jaġġornaw it-tikketti tagħhom wara bidla fil-klassifikazzjoni u fit-tikkettar tas-sustanza jew tat-taħlita tagħhom, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza fir-rigward ta' dak l-obbligu. Obbligu simili mqiegħed fuq ir-reġistranti huwa stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1435[40]. Fejn il-klassi ta' periklu ġdida tkun addizzjonali għal klassi ta' periklu eżistenti jew tirrappreżenta klassi jew kategorija ta' periklu aktar gravi, jew fejn ikunu meħtieġa elementi ġodda ta' tikkettar supplimentari skont l-Artikolu 25, jenħtieġ li l-iskadenza għall-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar fil-każ ta' adattament tal-klassifikazzjoni f'konformità mar-riżultat ta' evalwazzjoni ġdida tiġi stabbilita għal ***12-il xahar*** mill-jum li fih ikunu nkisbu r-riżultati ta' evalwazzjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew dik it-taħlita. F'każ fejn klassifikazzjoni tiġi aġġornata għal klassi jew kategorija ta' periklu inqas gravi mingħajr ma tiskatta klassifikazzjoni fi |

klassi ta' periklu addizzjonali jew rekwiżiti ġodda ta' tikkettar supplimentari, jenħtieġ li l-iskadenza għall-aġġornament tat-tikketti tibqa' ta' 18-il xahar mill-jum li fih ikunu nkisbu r-riżultati ta' evalwazzjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew dik it-taħlita. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li, f'każijiet ta' klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati, jenħtieġ li l-iskadenzi għall-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar jiġu stabbiliti fid-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-klassifikazzjoni u t-tikkettar ġodda jew emendati tas-sustanza kkonċernata, li ġeneralment tkun 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk id-dispożizzjonijiet. L-istess japplika f'każ ta' bidliet skattati minn atti delegati oħrajn adottati fid-dawl tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, pereżempju, bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda jew emendati tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU (GHS).

klassi ta' periklu addizzjonali jew rekwiżiti ġodda ta' tikkettar supplimentari, jenħtieġ li l-iskadenza għall-aġġornament tat-tikketti tibqa' ta' 18-il xahar mill-jum li fih ikunu nkisbu r-riżultati ta' evalwazzjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew dik it-taħlita. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li, f'każijiet ta' klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati, jenħtieġ li l-iskadenzi għall-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar jiġu stabbiliti fid-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-klassifikazzjoni u t-tikkettar ġodda jew emendati tas-sustanza kkonċernata, li ġeneralment tkun 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk id-dispożizzjonijiet. L-istess japplika f'każ ta' bidliet skattati minn atti delegati oħrajn adottati fid-dawl tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, pereżempju, bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda jew emendati tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-NU (GHS).

[40] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1435 tad-9 ta' Ottubru 2020 dwar id-dazji imposti fuq ir-reġistranti biex jaġġornaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 331, 12.10.2020, p. 24.)

[40] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1435 tad-9 ta' Ottubru 2020 dwar id-dazji imposti fuq ir-reġistranti biex jaġġornaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 331, 12.10.2020, p. 24.)

Or. en

**Emenda 111**
**Danilo Oscar Lancini, Pietro Fiocchi, Massimiliano Salini, Matteo Adinolfi, Alessandra Basso, Anna Bonfrisco, Paolo Borchia, Massimo Casanova, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Gianna Gancia, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Valentino Grant, Elena Lizzi, Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Annalisa Tardino, Isabella Tovaglieri, Stefania Zambelli, Marco Zanni, Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Chiara Gemma, Giuseppe Milazzo, Denis Nesci, Nicola Procaccini, Vincenzo Sofo, Raffaele Stancanelli, Lara Comi, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Francesca Peppucci, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0271/2023**
**Maria Spyraki**
Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 5 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | |
| ***[...]*** | ***[...]*** |
| | ***[...]*** |
| | ***imħassar*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 112**
**Danilo Oscar Lancini, Pietro Fiocchi, Massimiliano Salini, Matteo Adinolfi, Alessandra Basso, Anna Bonfrisco, Paolo Borchia, Massimo Casanova, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Gianna Gancia, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Valentino Grant, Elena Lizzi, Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Annalisa Tardino, Isabella Tovaglieri, Stefania Zambelli, Marco Zanni, Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Chiara Gemma, Giuseppe Milazzo, Denis Nesci, Nicola Procaccini, Vincenzo Sofo, Raffaele Stancanelli, Lara Comi, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Francesca Peppucci, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0271/2023**
**Maria Spyraki**
Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 30 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każ ta' bidla fir-rigward tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanza jew taħlita, li tirriżulta fiż-żieda ta' klassi ta' periklu ġdida jew fi klassifikazzjoni aktar severa, jew li tirrikjedi informazzjoni supplimentari ġdida fuq it-tikketta f'konformità mal-Artikolu 25, il-fornitur għandu jiżgura li t-tikketta tiġi aġġornata fi żmien ***6 xhur*** wara li jkunu nkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 15(4). | 1. F'każ ta' bidla fir-rigward tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanza jew taħlita, li tirriżulta fiż-żieda ta' klassi ta' periklu ġdida jew fi klassifikazzjoni aktar severa, jew li tirrikjedi informazzjoni supplimentari ġdida fuq it-tikketta f'konformità mal-Artikolu 25, il-fornitur għandu jiżgura li t-tikketta tiġi aġġornata fi żmien ***12-il xahar*** wara li jkunu nkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 15(4). |

Or. en

**Emenda 113**
**Danilo Oscar Lancini, Pietro Fiocchi, Massimiliano Salini, Matteo Adinolfi, Alessandra Basso, Anna Bonfrisco, Paolo Borchia, Massimo Casanova, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Gianna Gancia, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Valentino Grant, Elena Lizzi, Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Annalisa Tardino, Isabella Tovaglieri, Stefania Zambelli, Marco Zanni, Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Chiara Gemma, Giuseppe Milazzo, Denis Nesci, Nicola Procaccini, Vincenzo Sofo, Raffaele Stancanelli, Lara Comi, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Francesca Peppucci, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0271/2023**
**Maria Spyraki**
Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 54a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 54a*** |
| | ***Sa ... [daħħal id-data erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-ħtieġa għal reviżjoni tal-kriterji attwali għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi li jkun fihom aktar minn kostitwent wieħed. Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport il-Kummissjoni tista', meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva.";*** |

Or. en